MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 115/2021 LM

**Repon Ahmed (272479A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **Repon Ahmed (272479A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tat-18 ta' Ottubru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha ċaħad l-appell

tiegħu fil-konfront tal-appellat **id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur appellat'] għar-raġunijiet hemm imfissra.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-appellant għal *Single Permit for Work and Residence* li fid-19 ta' Mejju, 2021 ġiet miċħuda mill-Aġenzija Identità Malta [minn issa 'l quddiem 'l-Aġenzija'] għar-raġuni li *"...your prospective employer failed to provide the necessary requested feedback".*

**Mertu**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri ta' appell quddiem il-Bord fil-21 ta' Mejju, 2021 għar-revoka ta' din id-deċiżjoni tal-Aġenzija Identità Malta stante n-nullità tagħha, preliminarjament għaliex (a) l-imsemmija deċiżjoni kienet ġiet notifikata lill-prinċipal prospettiv; (b) l-applikant ma kienx ġie nfurmat bil-miktub li kien hemm xi dokumentazzjoni jew informazzjoni nieqsa u ma ngħatax żmien raġonevoli sabiex jissottometti tali dokumentazzjoni jew informazzjoni; (ċ) ir-raġuni mogħtija kienet waħda wisq ġenerika; u fil-mertu (d) huwa kien infurmat mill-prinċipal prospettiv li dak mitlub kien ġie sottomess lil Jobsplus.

4. Id-Direttur appellat wieġeb fit-2 ta' Awwissu, 2021 fejn issottometta li d-deċiżjoni tiegħu kellha tiġi kkonfermata għar-raġunijiet li huwa fisser fir-risposta tiegħu.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Facts of the case***

*A still abroad single permit application was filed on behalf of the appellant by appellant's prospective employer. In actual fact application indicated to the stakeholders a local email address, which email address was also used as a means of correspondence between the stakeholders and appellants prospective employer. In his appeal appellant states that Identity Malta Agency breached regulation 16 of S.L. 217.17 when it failed to notify appellant in writing requesting him to present missing documents required for the continuation of the processing of his application. Appellant is requesting the Immigration Appeals Board to declare null Identity Malta's decision of the 19th May, 2021.*

*With all due respect, the Immigration Appeals Board does not agree with such reasoning. It has resulted that throughout the whole process it was the appellants prospective employer the person indicated by appellant himself who was communicating with the stakeholders. In his application, which was endorsed by his prospective employer, appellant indicated and instructed stakeholders to communicate with his prospective empoyer by indicating a local email address. Now that appellant was informed that his application has been rejected, appellant invokes nullity of the whole process.*

*It was the appellants prospective employer who throughout the whole process of the application the person with whom one of the stakeholders was corresponding in order to obtain all required documents for the processing of the said application. In actual fact prospective employer has presented email correspondence exchanged with the relevant stakeholders.*

*In his reply the Director for Citizenship and Expatriates Affairs reiterated that electronic mail was sent using the email address indicated on the application.*

*Article 15 Sub legislation 217.17, states that the Director shall notify the decision on the application to the applicant in writing. In this case who is the applicant, the appellant or the prospective employer who endorsed the application and was the*

*intermediary with whom the stakeholders were communicating, this with the blessing of the appellant who also included his prospective employer's electronic address?*

*Whilst regulation 16(1) continues stating that if the information or documents in support of the application are incomplete, the Director shall notify the applicant in writing of the additional information or documents required, setting a reasonable deadline for the applicant to provide them and, in such case, the time limit referred to in regulation 12 shall be suspended until the Director has received the additional information. Appellants prospective employer was also summoned by appellants legal represented to testify and confirmed that Jobsplus, one of the stakeholders communicated with him via electronic mail (fn. 4 Email sent by Jobsplus on the 23rd of April, 2021) requesting him to submit the missing documents. In their email dated 23rd April, 2021, Jobsplus specifically indicated a time frame, and if documents were not received by the 30th of April, 2021, application would be refused. Documents were received by Jobsplus on the 19th of May, 2012 and for this reason Identity Malta refused said application. Prospective employer's representative answered in the affirmative when asked whether a formal extension to present missing documents was requested. However this was done through a telephone call and not by electronic mail.*

*(2) The Director may reject an application if the additional information or documents referred to in sub-regulation (1) are not provied within the deadline set out in that sub-regulation.*

*In the preamble of EC Directive 2011/98/EU of the European Parliament and of the Council of 13 December 2011 on a single application procedure for a single permit for third-country nationals to reside and work in the territory of a Member State and on a common set of rights for third-country workers legally residing in a Member State, Article 10 of the directive states that the obligation on the Member States to determine whether the application is to be made by a third-country national or by his or her employer should be without prejudice to any arrangements requiring both to be involved in the procedure. The Member States should decide whether the application for a single permit is to be made in the Member State of destination or from a third country. In cases where the third-country national is not allowed to make an application from a third country, Member States should ensure that the application may be made by the employer in the Member State of destination.*

*In this case application was made by the appellant, endorsed by the employer locally, thus presented by appellants prospective employer and not by the third country national, that is the appellant.*

*Article 2 paragraph (d) of the Directive refers to* 'single application procedure' *as any procedure leading, on the basis of a single application made by a third-country national, or by his or her employer, for the authorisation of residence and work in the territory of a Member State, to a decision ruling on that application for the single permit.*

*It is very obvious that application was presented by the prospective employer on behalf of the prospective employee, that is the appellant and all subsequent correspondence was done tramite the prospective employer and not the prospective employee".*

## **L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-28 ta' Ottubru, 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tibgħat l-atti lura quddiem il-Bord sabiex jiddeċiedi t-talbiet tiegħu wara li jkun ikkonsidra s-sentenza tagħha. Jissottometti li l-aggravju ewlieni tiegħu huwa li d-deċiżjoni appellata mhijiex konformi mal-liġi.

7. Id-Direttur appellat wieġeb fil-11 ta' Novembru, 2021 fejn issottometta li l-aggravju tal-appellant mhux mistħoqq għar-raġunijiet li jfisser fir-risposta tiegħu, u għalhekk jikkontendi li l-appell għandu jiġi miċħud.

## **Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju ewlieni tal-appellant fid-dawl ta' dak li ġie deċiż mill-Bord, u dan meħuda in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mid-Direttur appellat.

9. L-appellant jikkontendi li d-deċiżjoni appellata ma ngħatatx skont il-liġi. Spjega li quddiem il-Bord huwa kien irrileva li kuntrarjament għal dak li jipprovdi r-regolament 15 tal-L.S. 217.17, l-Aġenzija kienet bagħtet id-deċiżjoni tagħha fl-indirizz tal-prinċipal prospettiv tiegħu, iżda l-Bord għażel li jiċħad l-ilment tiegħu. L-appellant jirrileva li l-applikant huwa dejjem l-individwu u għalhekk mhijiex magħrufa r-raġuni għaliex l-Aġenzija tippersisti billi tibgħat id-deċiżjonijiet tagħha lill-prinċipal prospettiv meta wara kollox hija jkollha ukoll l-indirizz postali u l-*email addresses* tal-individwu. L-appellant jgħid li meta l-Aġenzija tħoss li għandha tirrevoka *Single Permit* ta' individwu, hija tibgħat id-deċiżjoni tagħha lill-istess individwu fl-indirizz postali tiegħu hawn Malta, u mhux lill-prinċipal tiegħu li jirċievi biss kopja. Għalhekk jinsisti li l-Bord kien żbaljat fid-deċiżjoni tiegħu, anki fejn qal fl-aħħar paragrafu tad-deċiżjoni appellata li kien ovvju li l-applikazzjoni kienet ġiet ippreżentata mill-prinċipal prospettiv f'isem l-applikant, u għal din ir-raġuni l-korrispondenza saret mal- prinċipal prospettiv u mhux mal-applikant. L-appellant hawn jagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Dragana Stoiljkovic *vs.* The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs** kif deċiża fil-21 ta' April, 2021 fejn jissottometti li ġie deċiż li l-appell kien null għaliex ma kienx sar mill-appellant personalment, u għalhekk jikkontendi li dak li jgħodd fl-istadju tal-appell għandu jgħodd ukoll fl-istadju tal-applikazzjoni quddiem l-Aġenzija. Jissottometti li anki quddiem il-Bord huwa kien ilmenta kif *Jobsplus* kienet talbet għal aktar informazzjoni jew *feedback* mhux mingħandu iżda mingħand il-prinċipal prospettiv tiegħu, u dan bi ksur tar-regolament 16 tal-L.S. 217.17. L-appellant jirrileva li dan il-punt kien ġie ndirizzat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Youssef Farhat *vs.* Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Cittadinanza u l-**

**Espatrijati** deċiża fit-28 ta' Ottubru, 2020. Jagħlaq is-sottomissjonijiet tiegħu billi jgħid li huwa m'għandux jinżamm responsabbli għal xi nuqqasijiet tal-prinċipal prospettiv tiegħu billi jbati l-konsegwenzi.

10. Id-Direttur appellat jibda billi jissottometti li mhuwiex applikabbli r-regolament 16 tal-L.S.217.17 għall-każ odjern għaliex jirrigwarda sitwazzjoni fejn l-applikazzjoni ma tkunx kompletata, kif fil-fatt hemm indikat fin-nota marġinali ta' dan ir-regolament. Iżda jgħid li fil-każ odjern l-applikazzjoni tal-appellant kienet kompletata u għall-istess raġuni l-analoġija għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Youssef Farhat *vs.* Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Cittadinanza u l-Espatrijati** kienet skorretta. Fil-fatt fil-każ odjern wara li l-appellat kien irċieva l-applikazzjoni tal-appellant, kienet saret konsultazzjoni interna mal-Aġenzija *Jobsplus,* fejn din tal-aħħar infurmatu li l-*feedback* mogħti mill-prinċipal prospettiv tal-appellant ma kinitx sodisfaċenti, u għalhekk huwa kien irrifjuta l-applikazzjoni *ai termini* tar-regolament 12. Id-Direttur appellat jissottometti li dan ir-regolament saħansitra ma jirrikjedix li hu jew l-awtorità konċernata jinfurmaw lill-applikant dwar id-diliġenza dovuta li kienet qegħda titwettaq, iżda jgħid li madankollu ma kien tressaq l-ebda aggravju fir-rigward ta' dan ir-regolament. Hawn id-Direttur appellat jirrileva li appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punti ta' liġi kif jipprovdi s-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, u dan filwaqt li in sostenn tal-argument tiegħu jagħmel riferiment għall-każistika ta' din il-Qorti u anki ta' qrati oħra ta' dan il-pajjiż. Għalhekk jikkontendi li sa fejn qed jintalab eżami tad-deċiżjoni li ttieħdet abbażi tar-regolament 12, l-aggravju mhux ammissibbli. Fil-mertu, id-Direttur appellat jissottometti li l-proċess ta' diliġenza dovuta fl-eżami u/jew ħruġ ta' permess bħal dak odjern,

huwa proċess importanti li jsir bir-reqqa u anki fl-interess pubbliku u nazzjonali, u huwa proprju għalhekk li l-leġislatur estenda l-proċess ukoll fil-konfront ta' awtoritajiet oħra permezz tar-regolament 12 L.S.217.17. Għal dak li jirrigwarda n-notifika tad-deċiżjoni tiegħu, isostni li jirriżulta mill-vera kopja tagħha kif annessa u mmarkata bħala Dok. Ċ mar-risposta tiegħu, li huwa kien bagħat dik id-deċiżjoni lill-appellant indirizzata f'ismu u fl-indirizz indikat fl-applikazzjoni ffirmata minnu, kollox *ai termini* tar-Regolament 15 tal-L.S.217.17. Għal dak li jirrigwarda r-riferiment tal-appellant għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Dragana Stoiljkovic *vs.* The Director of the Department for Citizenship & Expatriate Affairs**, jgħid li ma kienx minnu li din il-Qorti kienet għamlet xi konsiderazzjonijiet dwar min jista' iressaq l-applikazzjoni quddiem l-Aġenzija.

11. Il-Bord mill-ewwel stqarr fid-deċiżjoni appellata li huwa ma kienx qed jaqbel mal-appellant li l-Aġenzija kienet kisret id-disposizzjonijiet tar-regolament 16 tal-L.S.217.17, meta din ma nfurmatux bil-miktub sabiex jippreżenta xi dokumenti li kienu nieqsa u meħtieġa sabiex setgħet tiġi pproċessata l-applikazzjoni tiegħu. Irrileva li kien proprju l-appellant meta indika indirizz ta' *email* lokali, li kien ta struzzjonijiet lill-i*stakeholders* sabiex jikkomunikaw mal-prinċipal prospettiv tiegħu. Osserva li fil-fatt kien il-prinċipal prospettiv tiegħu li kien ikkomunika matul il-proċessar tal-applikazzjoni ma' wieħed mill-i*stakeholders,* u dan kien ippreżenta korrispondenza permezz ta' *email* mal-i*stakeholders.* Il-Bord irrikonoxxa li r-regolament 15 tal-L.S.217.17 jirrikjedi li d-Direttur appellat għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-applikant bil-miktub, iżda għaraf ukoll li kien proprju l-prinċipal prospettiv li approva l-applikazzjoni u li kien l-intermedjarju ma' min mill-i*stakeholders* kienu qegħdin

jikkomunikaw. Il-Bord għamel riferiment għas-subregolament 16(1) tal-L.S.217.17 u osserva li d-dokumenti mitluba minn Jobsplus kienu ntbagħtu wara d-data stabbilita, u għalhekk l-applikazzjoni kienet ġiet irrifjutata mill-Aġenzija. Hawn il-Bord ħa ukoll konjizzjoni ta' dak li qal il-prinċipal prospettiv tal-appellant, li kienet intalbet estensjoni tal-perjodu stabbilit, iżda dan kien sar biss permezz ta' telefonata. Il-Bord ħa konjizzjoni ta' dak li tipprovdi għalih id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru, 2011 fir-rigward ta' applikazzjoni waħda għal permess uniku fir-rigward ta' residenza u xogħol, u osserva li fejn ċittadin ta' pajjiż terz ma setax jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu minn ġewwa pajjiż terz, kellu jiġi assigurat li l-applikazzjoni tista' ssir mill-prinċipal. Jgħid li fil-fatt fil-każ odjern l-applikazzjoni saret mill-appellant, iżda ġiet approvata mill-prinċipal prospettiv tiegħu hawn Malta, u anki ġiet sottomessa minn dan tal-aħħar, u għalhekk kull korrispondenza li segwit saret miegħu u mhux mal-impjegat prospettiv.

12. Il-Qorti mill-ewwel tgħid li l-appellant għandu raġun u l-Bord ma seta' bl-ebda mod jinterpreta d-disposizzjonijiet tar-regolament 15 tal-L.S.217.17 kif għamel. Tikkonsidra li ġaladarba l-appellant fl-applikazzjoni tiegħu kien indika l-indirizz elettroniku tiegħu, li ma kienx dak tal-prinċipal prospettiv tiegħu, id-Direttur appellat kien tenut li jinnotifika lill-imsemmi appellant bid-deċiżjoni tiegħu f'dak l-indirizz. Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 15 tal-L.S. 217.17 huma ċari u ma jagħtu lok għall-ebda dubju jew alternattiva. Peress li dan iwassal għan-nullità tad-deċiżjoni tad-Direttur appellat, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-appell tal-appellant fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regolament 16 tal-istess Liġi Sussidjarja.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' l-appell odjern limitatament kif espress, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-istess appell, u filwaqt li tiddikjara nulla d-deċiżjoni tad-Direttur appellat, tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Bord, u tordna li l-atti jintbgħatu lura quddiem il-Bord sabiex jgħaddi għal deċiżjoni dwar it-talbiet tal-appellant wara li l-istess Bord jikkunsidra dak li qalet din il-Qorti f'din is-sentenza.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tad-Direttur appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**